MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1541/2002/1

**Salvatore Gennaro**

**vs**

**Edward Gatt**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Marzu, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' elf mija u disgha u disghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1199.72) rappresentanti danni sofferti mill-attur b'konsegwenza ta' incident stradali li sehh fl-24 ta' Frar 2002 ghal liema incident il-konvenut

kien unikament responsabbli minhabba negligenza fis-sewqan u ragunijiet ohra stipulati fil-ligi waqt li huwa kien qieghed isuq il-vettura tal-ghamla Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni HAA 217 gewwa Triq tal-Balal, Naxxar.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet li jibdew jidekorru mid-data tal-prezentata ta'l-avviz sal-hlas effettiv, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali ta' Gunju 2002 kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fid-9 ta' Awissu 2002, fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-incident tat-traffiku ma garax tort u htija tal-konvenut, izda gara unikament tort u htija ta'l-attur u dana kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda tal-kontendenti, kif ukoll ta' Carmelo Borg, prodott mill-attur u ta' PS 755 Paul Cauchi, PS38 Paul Zahra kif ukoll ta' PS321, Alan La Grasta. Ra l-affidavit ipprezentat mill-attur, kontenenti x-xhieda ta' martu Nadine Gatt.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi fl-incident stradali mertu tal-kawza kien involut ziemel u cioe' iz-ziemel li kien rikeb l-attur. Fil-fatt l-impatt sehh bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut u iz-ziemel rikeb mill-attur bil-konsegwenza illi l-attur waqa' minn fuq iz-ziemel tieghu u b'hekk sofra danni personali li qiegehd jitlob permezz tal-presenti istanza.

L-attur jikkontendi illi huwa kien qieghed rikeb iz-ziemel tieghu mal-genb tat-triq li tiehu min-Naxxar ghal San Gwann. Quddiemu kien hemm rikeb fuq ziemel iehor missier il-mara tieghu Carmelo Borg. Huwa jikkontendi illi peress illi fit-triq kien hemm sprall u xi hofor madwaru kif jindika ir-ritratt Dokument SG1 huwa kellu johrog 'il barra madwar metru 'il boghod mill-hajt sabiex jevita illi z-ziemel ighaddi minn fuq dan l-isprall. Huwa ighid illi qabel ma

hareg ‘il barra huwa hares lura u ivverifika illi ma kenux gejjin vetturi.

Illi ghalkemm  Carmelo Borg kien prezenti dak in-nhar ta’l-incident u kien rikeb ziemel iehor iktar ‘il quddiem mill-attur, huwa madanakollu ma tantx jitfa’ dawl fuq id-dinamika ta’l-incident peress illi huwa ma rahx isehh u dana ghaliex kif diga inghad huwa kien jinsab, kif ighid huwa stess, madwar tmien metri quddiem iz-ziemel rikeb mill-attur. Meta huwa ighid li waqaf u hares lura jidher illi l-impatt kien diga sehh ghaliex ighid illi sema’ l-ghajjat u li ra il-vettura misjuqa mill-konvenut mal-genb taz-ziemel u sejra fuq in-naha l-ohra tat-triq. F’dan il-mument jidher illi l-attur kien diga waqa’ minn fuq iz-ziemel. L-uniku dawl li titfa’ ix-xhieda tieghu hija fil-posizzjoni fejn kien jinsab l-isprall li kien il-kagun ta’ dan l-incident. Izda hawnhekk lanqas ma jaqbel max-xhieda ta’l-attur ghaliex filwaqt illi l-attur jixhed illi dan l-isprall kien jinsab madwar metru ‘il barra mill-hajt, Borg jikkontendi illi fil-fatt dan kien jinsab madwar zewg metri ‘il barra u kwindi bil-fors illi sabiex iz-ziemel jevita l-isprall huwa kellu jaqla’ ‘il barra fit-triq sabiex invada il-karreggjata fejn kienu qed jinsaqu il-vetturi. Sussegwentement iz-ziemel sfratta u dana Borg mar jigri warajh fit-triq biz-ziemel tieghu sabiex jaqbdu.

Illi b’konsegwenza ta’ dan l-incident l-attur jikkontendi li sofra griehi fil-polz ta’ idejh u ghalhekk minhabba n-natura tax-xoghol tieghu li huwa ta’ mastrudaxxa u *steel fixer* mas-socjeta Skanska li qed tiehu hsieb il-bini ta’l-isptar il-gdid, huwa ma setax imur ghax-xoghol ghal madwar xahar u nofs u qieghed jitlob kumpens ghad-danni sofferti minnu kif indikati fid-Dokument SG2 esebit a fol.21 sa 29 tal-process.

Illi l-konvenut min-naha tieghu qieghed jichad ir-responsabbilta ghal dan l-incident. Flimkien mieghu fil-vettura dak in-nhar kien hemm ukoll martu Nadine Gatt li kienet tqila. Il-konvenut kien qieghed isuq fil-karreggjata tieghu tat-triq sejjer lejn id-direzzjoni ta’ San Gwann. Qabel l-incident huwa kien ra iz-zewgt izwiemel mexjin wiehed wara l-iehor mal-genb tat-triq u ghalhekk ikalkula li seta’ ighaddi minn ma’ genbhom peress illi f’din il-parti it-

triq hija wiesgha. Kif kien wasal vicin iz-ziemel riekeb mit-Taljan huwa jikkontendi illi z-ziemel iggenneb b'tali mod illi qiesu tnaffar u dar sabiex wiccu gie ihares lejn il-hajt u in-naha ta' wara tieghu sporga ghal fuq il-karreggjata tat-triq fejn huwa kien qieghed isuq. Ghalkemm huwa beda jipprova johrog 'il barra lejn il-linja medjana tat-triq, iz-ziemel baqa' hiereg 'il barra tant illi ghalhekk huwa gie kostrett jinvadi il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta. Il-konvenut jikkontendi illi l-attur waqa' minn fuq iz-ziemel qabel ma iz-ziemel laqat il-vettura tieghu. Iz-ziemel laqat il-*mudguard* ta' quddiem, il-mera tal-genb u sussegwentement anke il-*mudguard* ta' wara tal-vettura misjuqa mill-konvenut. L-impatt maz-ziemel sehh mas-sieq ta' wara tan-naha tax-xellug.

Illi mart il-konvenut Nadine Gatt tikkonferma il-verzjoni moghtija minn zewgha dwar id-dinamika ta'l-incident. Il-pulizija li xehdu f'dina l-istanza ma tefghux wisq dawl fuq kif sehh l-incident stante illi r-rapporti saru mill-partijiet rispettivi gewwa l-Ghassa tal-Pulizija u ghalhekk dawn ma accedewx fuq il-post ta'l-incident u lanqas ippreparaw skizz dwar l-istess.

Ikkunsidra,

Illi l-artikolu 1040 tal-Kodici Civili jitratta dwar ir-responsbabilta' tas-sidien ta' annimali fil-kamp civili. Dana l-artikolu tal-ligi huwa applikabbli ghall-annimali kollha li jistghu ikunu oggett ta' proprjeta'. Is-sid ta' annimal ghalhekk huwa responsabbli ghal kwalsiasi hsara li tista' tigri fil-mument illi huwa ikun qieghed juzah. Din il-presunzjoni madanakollu hija *juris tantum* u mhux *juris et de jure* u ghalhekk tali responsabbilta' titsa' tigi eskluza fil-kaz illi jingiebu provi illi l-annimal in kwistjoni ma kienx responsabbli ghall-fatt dannuz.

Illi din il-kawza titratta ziemel li kien qieghed jinsaq fit-triq. Illi qabel xejn il-*Highway Code* jistabilixxi r-regolamenti li ghandhom jigu osservati minn rikkieba ta' zwiemel fit-triq u dana fil-Parti V ta'l-istess Kodici. Referenza qed issir b'mod partikolari ghall-artikoli 79 u 81 fejn jinghad illi qabel ir-rikkieb jitlaq jew idur, huwa ghandu ihares warajh

biex ikun zgur li ma hemmx perikolu, imbaghad irid jaghmel sinjal car b'idejh sabiex jindika illi huwa ser ibiddel id-direzzjoni. Inoltre l-artikolu 81 jiddisponi illi zwiemel ma ghandhomx jintrikbu jew ighaddu minn toroq principali u traffikuzi.

Illi fl-ewwel lok ghalhekk jidher car illi l-attur kiser dan ir-regolament tat-traffiku meta huwa intenta isuq iz-ziemel fi triq tant traffikuza bhal Triq tal-Balal, gewwa n-Naxxar, triq mhux biss traffikuza fejn isehhu sfortunatament diversi incidenti tat-traffiku, anke fatali, izda ukoll triq illi ma hijiex wahda dritta u kontinwa, izda tidjieq u titwessgha u tilwi f'partijiet minnha.

Illi fit-tieni lok, anke jekk ghal grazzja ta'l-argument wiehed kellu jemmen il-verzjoni moghtija mill-attur u cioe' illi huwa hareg 'il barra minn mal-genb tat-triq sabiex iz-ziemel ma jirfisx l-isprall li kien hemm, kienet responsabbilta' tieghu illi mhux biss ihares lura sabiex jivverifika li ma kenux gejjin karozzi (kif fil-fatt ighid li ghamel), izda li jaghmel sinjal car b'idejh sabiex il-vetturi li gejjien minn warajh jirrallentaw u jifhmu illi huwa kien ser jaghmel dik il-manuvra, manuvra li wasslet sabiex huwa hareg 'il barra u invada il-karraggjata minn fejn kien ghaddej it-traffiku fit-triq.

Dana qed jinghad ghaliex it-Tribunal huwa iktar propens illi jemmen il-verzjoni moghtija mill-konvenut u cioe' illi iz-ziemel x'aktarx ghotor fuq l-isprall, tnaffar, dar u beda hiereg 'il barra lejn it-triq bin-naha ta' wara tieghu, tant illi spicca laqat il-vettura li kienet qed tinsaq mill-konvenut. Fil-fatt ir-ritratti Dokumenti RFA3 u RFA4 li jindikaw il-griehi sofferti miz-ziemel jikkonfermaw ukoll din il-verzjoni, ghaliex li kieku l-incident sehh kif allega l-attur meta l-konvenut kien qieghed jissorpassah, allura il-vettura kienet tolqot iz-ziemel fuq in-naha l-ohra u cioe' fuq il-lemin tieghu u mhux fuq in-naha tax-xellug fil-parti ta' fuq. Bil-fors illi z-ziemel kif jikkontendi l-konvenut dar, u ghotor 'l isfel sabiex intlaqat kif jindikaw l-imsemmija ritratti.

Illi finalment it-Tribunal ihoss illi rikkieb ta' ziemel fi triq principali u traffikuza bhal dik fejn sehh l-incidnet stradali

mertu tal-kawza ghandu isuq iz-ziemel li ikun rikeb bl-ikbar attenzjoni u responsabbilta u josserva skrupolozament dak dettat mill-Highway Code sabiex b'hekk ma ikunx ta' periklu kemm ghalih innifsu kif ukoll ghall-utenti l-ohra tat-triq. Fuq kollox kif jiddetta l-istess Kodici arterji principali tat-traffiku ma ghandhomx jintuzaw sabiex zwiemel imorru ghal passeggjata!

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk, it-Tribunal ma jistax isib l-ebda htija fis-sewqan tal-konvenut u kwindi t-talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur."

L-attur, li hassu aggravat b' din id-decizjoni, jobbjetta principalment kontra l-apprezzament tat-Tribunal dwar id-dinamika ta' l-incident li fih huwa sofra griehi. Huwa jsostni, invece, illi mill-assjem tal-provi l-incident sehh ghax il-konvenut ma zammx bizzejjed distanza 'l boghod miz-ziemel fil-mument meta kien qed jissorpassah;

Kif maghruf, f' materja ta' incidenti stradali hu mehtieg li l-Qorti tfittex sewwa x' kienet il-kawza prossima. Indubjament, ir-regolamenti jew l-infrazzjonijiet taghhom ghandhom importanza imma dan mhux bizzejjed. Jehtieg li dawn l-istess infrazzjonijiet ikunu tali li jkunu jgibu, jew ghinu filli jgibu, il-kollizjoni. Ara a propozitu decizjoni a **Vol. XXXVI P IV p 744**;

Dan premess, il-fatti li minnhom originat din il-kawza huma brevement dawn:-

(1) L-attur jghid li hu kien riekeb ziemel "fuq dahru", sejjer min-Naxxar fid-direzzjoni ta' San Gwann. Fi triqtu sab sprall u xi hofor madwaru, f' distanza ta' cirka metru mill-hajt, u qabel ma qala' 'l barra biex jevitahom hares warajh biex jara jekk kienux gejjin vetturi. Ghall-ewwel jistqarr li meta hares ma kienux gejjin karozzi izda

hekk kif hareg ‘il barra biex jevita l-hofor giet il-vettura tal-konvenut minn warajh u kif kien rega' diehel ‘il gewwa lejn il-hajt il-vettura hakket maz-ziemel fuq il-koxxa ta' wara. Bid-daqqa z-ziemel nizel minn wara u rega' dritta. F' dan il-moviment huwa nbezaq minn fuq iz-ziemel u sofra griehi;

(2) Il-versjoni tal-konvenut hija dijametrikalment bl-oppost ta' dik ta' l-attur. Dan jghid li meta kien qed isuq fil-direzzjoni ta' San Gwann lemah zewgt izwiemel vicin il-hajt wiehed wara l-iehor. Meta wasal f' distanza ta' cirka tliet metri miz-ziemel ta' l-attur dan ghotor, hareg ‘il barra bin-naha posterjuri tieghu fid-direzzjoni tal-*car* tieghu u r-rikkieb tieghu jaqa' minn fuqu. Hu pprova jevitah billi ggeneb ‘il barra fid-direzzjoni tad-*double white line* f' nofs it-triq izda z-ziemel baqa' gej ghal fuqu, laqat il-*mudguard* ta' quddiem, il-mera u l-parti ta' wara tal-vettura;

(3) Iz-zewg konducenti huma sostenuti fil-versjonijiet rispettivi taghhom mix-xhieda ta' Carmelo Borg (fol. 16B) u Nadine Gatt (ara affidavit fol. 42 u l-kontroezami taghha a fol. 60). Jinghad mill-ewwel, a skans ta' ekwivoci, illi l-versjoni offruta mix-xhud Carmelo Borg tinqasam f' zewg aspetti. Skond l-ewwel dikjarazzjoni tieghu dan jghid illi z-ziemel ta' l-attur "*lost his balance and turned slightly to the right when the other vehicle HAA 217 hit the horse*". Wara xi granet huwa ghazel li jibdel din id-dikjarazzjoni b' ohra f' dawn it-termini: "*when vehicle HAA 217 overtook the horse his son in law* (l-attur) *was riding, he hit the horse slightly and the horse lost its balance and fell together with the rider throwing the rider off the horse ...*" (Ara okkorrenza a fol. 50 u 51);

Fuq l-istregwa ta' dawn il-fatti jehtieg li jigi determinat jekk l-attur irnexxielux jissodisfa l-piz tal-provi nkombenti lilu li kien hemm verament, kif minnu premess fl-avviz, negligenza da parti tal-konvenut;

Huwa pacifiku illi f' kaz bhal dan l-attur htieglu jistabbilixxi ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal, u issa ta' din il-Qorti, illi

dak li gara kien dovut ghal xi kondotta mproprja fis-sewqan tal-konvenut.  Dak, jigifieri, jekk il-konvenut ittrasgrediex in-normi regolamentari jew id-dettami tal-prudenza.  Mhux dan biss pero`.  Kien jokkorri wkoll li jistabbilixxi illi kienet din l-istess kondotta l-kawza efficcjenti ta' l-event dannuz allegat;

Forsi aktar minn normi regolamentari kellhom, fil-fehma ta' din il-Qorti u b' osservazzjoni preliminari, jigu mharsa dawn iz-zewg regoli ta' prudenza u tal-bon sens:-

(a) Mill-banda l-wahda, gjaladarba l-attur ghazel li jsuq iz-ziemel fi triq pubblika u traffikuza, huwa kellu jassikura li dan ikun dejjem taht il-kontroll shih tiehgu, jippresta attenzjoni xierqa biex dan jevita l-ostakoli li jsib quddiemu, anke ghaliex ziemel mhux dotat b' sistema ta' *brakes* bhal mezzi mekkanici.  Huwa kellu mbaghad jassikura wkoll illi meta kien htieglu jiskosta ruhu minn mal-hajt dan seta' jaghmlu bla xkiel ghal min ikun gej minn warajh billi jaghmel debita senjalazzjoni tal-manuvra li jkun ser jaghmel;

(b) Min-naha tieghu l-konvenut kien mistenni li jzomm il-hin kollu "*a proper look out*" biex jilqa' ghall-imprevvisti u ghall-kontingenzi l-ohra kollha li jkunu qed jissucciedu quddiemu u madwaru;

Premessi dawn il-preliminari, huwa fatt li ma jidherx kuntrastat illi l-incident sehh fejn kien hemm l-isprall u l-hofor madwaru.  Min-naha l-ohra huwa fatt ukoll illi f' dan il-kaz jezistu zewg versjoniiet kontrastanti u allura dan, di regola, ghandu jiffavorixxi lill-konvenut jekk l-attur jonqos milli jiskarika l-piz li jipprova l-allegazzjoni tieghu tal-htija fil-konvenut;

Mill-gharbiel bir-reqqa tal-provi, anke kieku kellha din il-Qorti ghall-grazzja ta' l-argoment, taccetta l-versjoni ta' l-attur, dak li johrog mill-provi bil-bosta evidenti, u li jikkostitwixxi fil-hsieb tal-Qorti l-punt nevralgiku ta' l-aspett

guridiku tal-kaz, kien in-nuqqas ta' senjalazzjoni da parti ta' l-attur fil-mument li htieglu jarresta l-pass taz-ziemel u jisposta ruhu lateralment ‘il barra biex jevita l-insidji ta' l-isprall u l-hofor. Huwa veru li l-attur jistqarr li hares warajh izda, fil-fehma tal-Qorti, jekk ghamel dan kien nieqes minn dik l-akkortezza mehtiega biex jara dak li tabilhaqq kellu jara u cjoe l-vettura tal-konvenut li lahqet mieghu meta kien qed jaghmel il-manuvra li ghamel biz-ziemel. Fil-hsieb tal-Qorti jekk verament hares ma haresx sew u dan gab biex il-manuvra tieghu holqot ostakolu inaspettat f' arterja principali b' mod li certament issorprendiet lill-konvenut u holqitlu emergenza, tant li dan htieglu jaghmel manuvra evasiva billi jigbed ghan-nofs tat-triq. Dan hu hekk il-kaz anke kif gja inghad wiehed kellu jakkolji l-versjoni li z-ziemel ntlaqat mill-vettura u ghotor u mhux, *vice-versa* li ghotor u baqa' gej ghal fuq il-vettura, kif hekk sostenut mill-konvenut appellat. Versjoni din li hi wkoll plawsibbli u verosimili. Dan anke ghaliex l-ispjegazzjoni fornita mill-konvenut tikkonforma ruhha ghall-impressjoni u l-ewwel dikjarazzjoni tax-xhud Carmelo Borg fir-rakkont tieghu ta' l-incident lill-Pulizija. Hi fuq kollox, anke ghal din il-Qorti, spjegazzjoni possibbli u probabbli hafna ta' kif issuccedew il-fatti u ghalhekk ma tistax tigi eskluza. Lanqas ma tara illi kien hemm xi kolpa antecedenti jew kontributorja ghall-incident parte tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell ta' l-attur u b' hekk tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal tat-22 ta' Marzu 2004. L-ispejjez gudizzjarji ta' din l-istanza jibqghu a karigu ta' l-istess attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------